MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tas-7 ta' Awwissu, 2009

Numru 784/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Jeffrey Cilia)**

**Vs**

**Silvio Cuschieri**

**Illum 7 t'Awissu tas-sena 2009.**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Silvio Cuschieri ta' tmienja u tletin (38) sena, iben Constantino u Carmela nee` Falzon, imwieled il-Pieta` nhar l-4

t'Awissu ta' l-1970 u residenti gewwa Blokk 2, Flat 7, Triq San Patrizju, Valletta u li huwa detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 346570(M);

Akkuzat talli:

1. Nhar it-12 ta' Gunju tas-sena 2009 u matul ix-xahrejn ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' diversi fliexken tax-xorb liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u li sar ghad-detriment tal-kumpanija M.Demajo (Wines and Spirits) Ltd;

2. Fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi, f'Malta, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

Semghet il-konferma ta' l-ammissjoni tieghu wara li nghata zmien xieraq biex jirrikonsidra l-ewwel twegiba tieghu fir-rigward;

Ghaldaqstant issibu hati;

Rat l-Artikoli 18, 261 (d), 268 (c) u 281 (a) tal-Kap. 9 u tikkundannah ghall-piena ta' prigunerija ghall-perjodu ta' sena mil-lum;

Rat l-artikolu 28A ta' l-istess Kap u wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz thoss li l-piena karcerarja fuq indikata ghandha tigi sospiza u konsegwentement, in vista tal-premess, tordna li l-piena inflitta tigi sospiza ghall-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum;

Tiddikjara li fehmet lill-imputat bil-konsegwenzi ta' l-istess sospensjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------